A.L. 54 ta' l-1992

ATT DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN (KAP. 292)

Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira) (Emenda Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira) (Emenda Nru. 4), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1991 dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 96 ta' l-1991.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fil-15 ta' Ġunju, 1992 għar-rigward tal-Lotterija l-Kbira tad-9 ta' Awissu, 1992 u Lotteriji Kbar oħra sussegwenti.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti principali, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-biljetti kollha li jiġu offerti għall-bejgħ, sew jekk jinbiegħu jew le, għandhom jipparteċipaw f'Lotterija Kbira u kull premju mirbuħ minn biljetti mhux mibjugħin għandu jintilef, barra l-ewwel premju, li dwar dan l-ewwel premju biss, għandhom isiru kull tlugħ ieħor kif meħtieġ f'dik id-data u f'dak il-ħin li d-Direttur jiddeċiedi sakemm jiġi żgurat illi l-ewwel premju tal-Lotterija l-Kbira ġie allokat lil biljett mibjugħ.".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-proviso għall-paragrafu A ta' l-iSKEDA TA' PREMJIJIET li tinsab fir-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda jekk il-biljett rebbieħ li jkollu l-ittra u l-ħames (5) figuri kollha jikkorrispondu ma', u fl-istess ordni ta', l-ittra u l-ħames (5) figuri li jagħmlu n-numru rebbieħ jibqa' mhux mibjugħ, it-tlugħ għandu jibqa' fis-seħħ għall-premjijiet kollha minbarra għall-ewwel premju ta' Lm100,000. Għal dan l-ewwel premju biss għandu jsir dak l-għadd ta' kull tlugħ ieħor kemm jista' jkun kmieni sakemm l-ittra u l-ħames (5) figuri hekk imtellgħa jikkorrispondu ma', u jkunu fl-istess ordni ta' l-ittra u l-ħames (5) figuri ta' biljett li jkun inbiegħ għal dik il-lotterija partikolari.".